

# Profil tas-Surmast Salvinu Vella
## 50 sena mill-mewt tat-tieni Surmast Direttur tal-Banda San Pawl

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat



Salvinu Vella twieled il-Mellieħa nhar l-10 ta' Settembru 1910, iben Carmelo Vella u Francesca, xebba Grima. Ta' disa' snin, beda jitħarreġ fil-mużika fic-Cirkolu Muzikali La Vittoria (Mellieħa). Huwa għazel li jitgħallem il-Kwartin, tant mexa 'l quddiem fit-tagħlim ta' dan l-istrument, li f'qasir zmien, ġie magħżul bħala Prim Kwartin fl-istess banda, kariga li hu żamm sas-sena 1927. Ta' sittax-il sena, huwa beda' kors biex isir għalliem fl-Iskejjel tal-Gvern, iżda l-ġibda kbira li huwa kellu għall-mużika ħajritu jibda' il-lezzjonijiet fil-kompożizzjoni, fl-armonija u fil-kontrapunt għand is-Surmast Ġuże Abdilla, u fil-pjanoforte għand is-Surmast Angelo Abdilla. B' riżultat ta' l-istudji tiegħu, Vella rnexxielu jikseb ċertifikat mir-*Royal Academy of Music* u mir-*Royal College of Music,* it-tnejn ta' Londra.

F'Ottubru 1950, is-Surmast Vella ġie fdat bit-tmexxija tal-Banda San Pawl, wara li f' Awissu ta' l-istess sena, s-Surmast Emanuele Gauci kien irtira minn Surmast Direttur ta' din il-Banda. Taħt is-Surmast Vella, il-Banda San Pawl, kompliet tikseb suċċess artistiku akbar u popolarita'.

Waħda mill-isbaħ okkażjonijiet li fihom ħa sehem is-Surmast Vella bħala Direttur Mużikali tal-Banda San Pawl, kienet dik ta' nhar il-Hadd, 29 ta' April 1951, meta ġie nawgurat planċier ġdid li kien ġie rregalat lis-Socjeta' minn Nobbli Dr J Attard dei Baroni Montaldo LLD, President Effettiv tal-Banda San Pawl, u maħdum minn Mose' Attard minn Naxxar. Dan il-planċier sewa' Lm 125. F'dik il-lejla, il-President ġie akkumpanjat b'marċi brijjużi mid-dar tiegħu sal-planċier il-ġdid, li kien ġie mbierek mill-Kappillan Patri Gann Frangisk Grima, fil-preżenza ta' bosta mistednin distinti u numru mdaqqas ta' ammiraturi u ħbieb. Wara r-riċeviment ta' l-okkażjoni, din il-festa spiċċat bl-eżekuzzjoni ta' programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Salvinu Vella.

Okkażżjonijiet oħra kienu meta fl-1952, il-Banda ħadet sehem fl-Isfilata tal-Karnival bil-maskeruni quddiem karru dekorat u l-bandisti lebsin ta' *Trouble Makers* idoqqu l-marċijiet. Hawn il-Banda kisbet żewġ premjijiet. Fl-1953 il-Banda kisbet premju ieħor bil-kostum *Jesters on Parade,* u bil-maskeruni. Fit-2 ta' Ġunju 1953, il-Banda San Pawl ħadet sehem f'waħda mill-akbar sfilati ta' baned bil-karrijiet dekorati li qatt saru f' Malta, għall-okkażjoni tal-festi kbar li saru f'Malta fl-okkażjoni tal-inkorunazzjoni tar-Reġina Elizabetta it-Tieni.

Is-Surmast Salvinu Vella irtira mill-Kariga ta' Surmast Direttur fl-1967 u ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar it-Tlieta, 2 ta' Frar 1982.